# KUNSILL LOKALI NADUR
# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Ħamsa u Sittin (65)

## It-Tlieta, 8 ta' Awissu, 2023 fl-4:00pm

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill, fl-4:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**65.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm had assenti

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

65.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tat-Tlieta u Sittin (63) il-laqgħa tal- 4 ta' Lulju 2023 u tal-Erbgħa u Sittin (64) tas-26 ta' Lulju 2023 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 63 u ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarja, Proponent- Josef Camilleri u Sekondant- Joseph Vella.

65.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

Is-Sindku u s-Segretarja taw l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Iridu jidhlu l'quddiem Skema playing field tal-Ħali u Wirja Agrarja. Is-Sindku talab biex kontijiet marbuta mal-Imnarja jitħallsu biex isir il-claim. Kien hemm qbil mal-Kunsilliera kollha fuq dan.

Saret rifuzjoni lil Ines Buttigieg rigward l-youth exchange ta' Istanbul peress li tickets tħallsu minnha stess.

Daħlu l-allokazzjoni li kienet ta' 92K biss peress li tnaqqsu minħabba zibel organiku u riċiklaġġ bil quddiem. Kien hemm diskussjoni fuq din peress li l-Kunsill tagħna ser jispiċċa jħallas servizz li ma jkunx għadu sar.

Ser jidħlu ukoll daqt il-parti pendenti fuq skema tal-Kor tal-Milied.

Daħlu 13k Milied 2024 u Charter.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

65.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

LESTI:-

- Rampa tas-sement fi Sqaq Wied ir-Riħan
- Jitranġa ħajt fi Triq Piju Cellini
- Patching tas-sement fi Triq ta' Sopu
- Titranga tarf ta' bankina fi Triq Xjuf ir-Riħ
- Bankina mill-ġdid fi Triq ta' Ħida
- Yellow lines ma garage fi Triq ta' Sopu
- Trangat tappiera fi Triq Dun Gorg Preca
- Rampa tas-sement fi Triq Dun Grezz Buttigieg
- Patching fi Triq San Gwann ma Triq Dun Karm Caruana fuq ġewwa
- Double yellow line fi Triq San Gwann
- Ħaxix ħażin fi Triq Grunju

Pendenti:-

- Bozza fi Triq Grunju
- Jitranga ċaċċis tat-Torri ta' Sopu.
- Zewġ gates tal-ħadid għal tal-Ħali.
- Manutenzjoni tal-lapida fi Triq Daħlet Qorrot.
- Titranga gradilja fi Triq Wied ir-Rihan.
- Induru kliem tal-monument tal-gwerra fejn l-iskola
- Kanna ma taraġ fi Triq ta' Xhajma
- Ħajt mill-ġdid fi Triq il-Buskett
- Bankina sement fi sqaq pjazzetta
- Zbir tal-Palm fi Triq Duru
- Ħajt tas-Sejjieħ fi Triq Sant Indrija

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Zebra crossing fi Triq ta’ Kenuna jew 30kmh
- Disabled communal fi Triq il-Madonna ta’ Fatima- tabella

MHUX LESTI MINN TERZI:

- Ħitan ta’ Xhajma – Dan għadu ma sar xejn fuqhom.
- Jitranga sqaq tad- Duru – Qed nistennew minn il-Perit.

## 65.5. Korrispondenza;

6513 Cir AKL 2023/072_Festi u Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-Ibliet u l-Irħula sal-aħħar ta' Dicembru 2023

6514 Ittra minghand Matthew Curmi rigward proposta fuq il-vittmi tal-gwerra

6515 Cir AKL 2023/068_Green Public Procurement Workshop 02/08/2023

6516 Cir AKL 2023/070_European Mobility Week 2023

6517 Cir AKL 2023/071_Save the Date - Upcoming International Conference in September 2023

6518 Cir AKL 2023/065 Group Life Policy - Membri Eletti

6519 Talba ta’ kollaborazzjoni minn Nadur Youngsters rigward transport għal training camp gewwa Sqallija

6520 Ittra mingħand residenti fi Triq Rakela Camilleri dwar vandalizmu mad-dar tagħhom fi zmien il-festa

6521 Cirkulari 12/2023-Termini u kundizzjonijiet ġodda tal-Fond ta' ko-finanzjament

6522 Cir AKL 2023/069_IDEA Academy Scholarship

**KUNSILL LOKALI NADUR**

6523 Cir AKL 2023/067_Stediena - Seminar Pensjonijiet: Qabel 1962

6524 Miqsoqsija Parlamentari Nru 10737 - Ċitazzjonijiet fuq Parkeġġi tal-Kumpanija GoTo wara li waqqfet l-operat.

6525 FW: Miqsoqsija Parlamentari Nru 10735 - Parkeġġi allokati għall-Operat tal-Kumpanija GoTo.

*Rimarki oħra:-*

**Impjieġ ġdid fl-uffiċċju wara riżenja tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali – Skala 11;**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li irċieva approvazzjoni ta' żewġ Skrivani fi Skala 15 mid-DLG.

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil Kunsill li għalkemm ġie deċiż fl-aħħar laqgħa għal żewġ Skrivani fi Skala 15, hi mhux konvinta peress li tixtieq li jkun hemm persuna ta' livell u kapaċi tassisti lilha f'dokumenti u xogħol ta' ċertu responsabbilita' bhal tenders, skemi u fondi, accounts etc.

Wara diskussjoni ġie deċiż li nitolbu lil DLG permess għal Skrivana fi Skala 15 u EO fi skala 13.

Kien hemm mistoqsijiet dwar il-membri tal-bord mill-Kunsilliera. Is-Sindku innota li l-Kunsilliera jieħdu l-aħħar deċiżjoni wara l-board.

Kien hemm qbil unaminu li jintalab approvazzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali għal l-impjieg ta' Skrivana skala 15 u EO skala 13 u dan sabiex ikun hemm bizzejjed impjegati fl-uffiċċju li ilaħqu mad-domanda tax-xogħol klerikali, *day to day* , attivitajiet, servizzi, assistenza lis-Segretarju Eżekuttiv u xogħol ieħor. Il-kunsill Lokali tan-Nadur idduskuta u approva li għandu biżżejjed fondi sabiex iħallas is-salarju addizzjonali b'mod indefinit Skrivan- skala 15 u EO skala 13.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

EV Charging Pillars- Is-Segretarja infurmat il-postijiet li huma approvati minn naħa tal-Kunsill. Rigward DC Cocco Palmeri is-Sindku innota li jekk isir żewġ parkings u mhux waħda. Ġie deċiż li għalissa ma isirx hemm minħabba nuqqas ta' *parking spaces*.

Pedal Cycles- Is-sindku innota li inħarġet fuq il-pagna ta' FB sejħa ta' interess għal dawk bejn 16-18 il sena u japplikaw sad-data 30 ta' Awissu 2023.

Il-problema tad-dawl baxx f'San Blas- Is-Sindku innota li fil-granet li ġejjien il-Kumpanija Enemalta ser tkun qed tqatta triq San Blas biex titranġa l-problema tad-dawl. Il-Kunsill ser ikun qed jinforma lil residenti permess ta' FB id-dati tal-għeluq tat-triq. Ix-xogħol ser ikun qed isir kollu minn naħa tal-Enemalta.

Għajnuna minn naħa tal-MGOZ- Is-sindku informa lil Kunsilliera li l-MGOZ ser jagħmlu l-bankijiet fi triq Xandriku kif ukoll xkaffar fil-librerija bir-rizorsi tagħhom.

Cir AKL 2023/065 Group Life Policy – Din tħallset lil Kunsilliera.

65.6. Skemi u Offerti Pubbliċi;

L-Offerta tal-Perit għalqet u qed tinħadem l-offerta biex tinħareġ sadanittant qed ikompli għaddej il-Perit Scerri bix-xogħol. Ser jgħalqu daqt l-offerti tal-Bulky refuse, latrina Triq it-Tramuntana li ser jinħargu kwotazzjoni, Gnien il-Kunsill li ser tinħareg kwotazzjoni.

Offerti

Upgrading of Space at Triq San Gwann c/w Triq Grunju- Reggħet inħarget offerta oħra.

The Supply, Installation, testing and Commission of Mechanical and Electrical equipment and related services for Fountain Installatin at Triq Xandriku Nadur. Ser jinbeda x-xogħol mill-kuntrattur. Il-MGOZ ser jgħatuna bankijiet u l-għaqda Triq il-Kappillan ser jagħmlu ir-rota tal-karettun.

Belvedere Triq ir-Ramla l-Ħamra -DPF– saret site visit u trid issir oħra.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Works tender for the upgrading of Pjazza l-Arc. Martin Camilleri, Nadur- Ser jingabru kwotazzjonijiet għal l-għamara u qed naħdmu ma' Daniel Meilak fuq l-irħama. Sar site visit mall-kuntrattur.

NLC/03/2023 - Works Tender for Embellishemnt works at Belvedere Triq ir-Ramla l-Ħamra, Nadur- Reġgħet inħarget offerta oħra.

Skema LESA- Qed tinħadem l-offerta tal-latrina ta' San Blas.

Skema Reġjun – Parks u Ġonna u Spazji Pubbliċi- Inħarget offerta oħra.

Skema Playing Fields 2022- Ix-xogħol lest u ser jiġi iċertifikat mill-Perit.

SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati- L-applikazzjoni daħlet.

Toroq Rurali M4.3- Saret site visit mall-kuntratturi.

65.7. Kollaborazzjoni, Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali;

Ittra minghand Matthew Curmi rigward proposta fuq il-vittmi tal-gwerra- Ser jara l-Kunsillier Josef Camilleri on site ma Matthew x'qed jitlob eżatt.

Talba ta' kollaborazzjoni minn Nadur Youngsters rigward transport għal training camp gewwa Sqallija- Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas it-transport taz-zjara ġewwa Sqallija.

Talba mingħand għaqda Armar Triq il-kappillan dwar kollaborazzjoni ta' attivita'- Kien hemm qbil li jingħata l-ammont ta' 150euro.

Talba mingħand l-għaqda tan-Nar għal bouncing Castle fl-attivita Festa Familja. Kien hemm qbil.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Wine Festival- Is-Sindku ta l-aħħar updates fuq l-attivita'. L-Entertainment ser ikun hemm Rebecca and the Passengers, Ronald Briffa prezentatur, Lara & the Jukeboys, Big Band Brothers u Jolene Samhan. Kien hemm qbil fuq dan kollu. Is-Sindku innota li Delicata ser iħallsu parti mill-entertainment.

Exhibition November (gemellagg) – Din ser isir gewwa s-sala tal-Kunsill u ser tibqa sal-Milied.

Halloween – Is-Sindku innota li dar instabet għal haunted house fi Triq il-Kappillan u ser napplikaw għal fondi.

Fixed Assets- mutur tal-pompa ħazina tal-pond ta' kenuna biex tintrema. Kien hemm qbil.

65.8. Gieħ in-Nadur u Premijiet

Gieħ in-Nadur- Is-Sindku innota li din is-sena l-gieħ jintgħażel minn naħa tal-Kunsill u mhux jinħargu sejħiet pubbliċi. Fuq din kien hemm qbil.

Is-Sindku għamel suġġeriment biex l-Premju Gieħ in-Nadur jieħdu Dr. Mario Saliba. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ippropona dan is-suġġeriment u Il-Kunsillier Jean Paul Portelli isekonda. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera kollha li jingħata lil Dr. Mario Saliba.

Anzjan tas-sena- Is-Sindku issuġġerixxa lil Mario Muscat. Il-Kunsillier Joseph Vella ippropona dan is-suggeriment u l-Kunsillier Josef Camilleri isekonda. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera kollha li jingħata lil Mario Muscat.

Voluntier tas-sena- Is-Sindku ippropona lil Ines Buttigieg. Il-Kunsillier Josef Camilleri isekonda u kien hemm qbil bejn kullhadd.

Zgħazugħ tas-sena- Is-Sindku issuġġerixxa lil Stefan Scerri. Dan kien isekondat mill-Kunsillier Joseph Vella u kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha.

Ambaxxatriċi taz-zgħazagħ- L-Ambaxxatriċi Meghan tispiċċa f'Settembru u hi issuġġeriet li tintgħazel Kaitleen Vella. Kien hemm qbil mill-Kunsilll kollu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

65.9. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

65.8.1. Triq ir-Ramla l-Qadima-Qed naħdmu għat-tieni kisja tat-tarmak.

65.8.2. Dawl ta' Triq it-Tramuntana soft area- Il-Kunsill ser jigbor kwotazzjonijiet.

65.8.3. Railings ta' Xhajma- Il-Kunsill għadu bla risposta minn naħa ta' MGOZ. Dawn qedin fi stat perikoluz ħafna.

65.8.4. Zebgħa bullards fi Triq Arc Saver Cassar u Pjanti- Ser naraw isirux wara karnival.

65.8.5. Dawl Monument tal-Gwerra- Dan isir wara li tinfetaħ il-librerija.

65.8.6. Gazebo fil-Belvedere DC Cocco Palmeri- Il-Kunsill ser jigbor il-kwotazzjonijiet.

65.10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

65.10.1.Rikjesti mis-Sindku:

Talba biex isir sement taht bankina fi Triq San Blas

Talba biex jitrangaw toqob fil-Pjazza fl-area tar-Rabokk

Talba għal bankina ġdida fi Triq it-Tigrija bil-materjal tal-gvern

Talba għal bankina biex isir mill-ġdid fi Triq Grunju

Talba għal bankina mill-ġdid fi Triq Xjuf ir-Riħ. Materjal ser iġib ir-resident.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Talba biex titbaxxa bankina fi Triq San Blas.

Talba għal trinka tal-ilma fil-Pjazza

Talba għal ġebel biex ma jaqax ħajt f'Daħlet Qorrot

Talba biex titranġa rampa bis-sement u ħajt tas-sejjieħ fi Triq ix-Xemmiex

Talba għal yellow lines magemb garage fi Triq Xjuf ir-Riħ

Talba għal yellow lines magemb garage fi Tirq il-Qortin

Talba biex jinqata' l-bajtar u titranġa blata fil-Gebel l-Aħmar

Talba biex tikber l-mera fi Triq San Gwann

65.10.2 Rikjesti mingħand Eucharist Camilleri

Talba għal tabella minn naħa ta' Xandriku biex tindika ix-XATT

Yellow line to re do fi Triq it-Tigrija

Talba biex jjinbena ħajt ġdid fi Triq ir-Ramla. Ser naraw on site fuq dan.

Talba biex jitranga ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Buskett

65.10.3 Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli

Talba biex jitnaddaf il-gutter ta' Triq Piju Cellini.

65.10.4 Rikjesti mingħand Joseph Vella

Talba biex isir gandott fi Triq tad-Duru. Is-Sindku innota li gandott hekk mhux qed isiru peress li fihom ħafna spejjes. Għalissa ser tinkiteb imma mhux ser isir.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

65.10.5 Rikjesti mingħand Josef Camilleri

Talba għal patching Triq Emigranti u Triq Duru.

65.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Data tal-laqgħa li jmiss ser tiġi diskussa.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva